MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1075/2005

**CAMEL BRAND CO. LTD. (C19110)**

**vs**

**PIRELLA SUPERMARKET LTD.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fil-11 ta' Novembru, 2005 li bih is-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet;

Illi s-soċjeta' konvenuta hi debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' sebat elef disa' mija wieħed u sittin Lira Maltin sitta u disgħin ċenteżmu (Lm7,961.96) rappreżentanti prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata mill-istess soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta msemmija;

Illi għalkemm is-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata taddivjeni għall-ħlas, din baqgħet inadempjenti;

Illi l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta m'għandiex eċċezzjonijiet validi xi tressaq għat-talba li qed issirilha u dana skond l-affidavit tar-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi hawn anness u mmarkat Dok. D;

Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-Liġi a tenur ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Taqta' u tiddeċiedi skond it-talba attriċi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' sebat elef disa' mija wieħed u sittin Lira Maltin sitta u disgħin ċenteżmu (Lm7,961.96), prezz ta' merkanzija mibjugħa w kkonsenjata lilha mis-soċjeta' attriċi.

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura u tal-mandat ta' sekwestru nru. ippreżentat kontestwalment, kif ukoll dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 28 ta' Settembru, 2005, u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' konvenuta bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni li tippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali li jgħoddu mit-28 ta' Settembru, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------